il-Gżejjer

L-Erbatax-il Sena 4/85

# L-ebda tibdil fil-Liġijiet Elettorali qabel isir magħruf kif ġew l-armi fil-Headquarters tal-Partit ta' l-Oppożizzjoni



**"Fis-6 tax-xahar, fl-Università, l-Kap ta' l-Oppożizzjoni ġie rraportat li qal lill-ġurnali illi jiena ikkommettejt ruħi dwar tibdil fil-liġijiet elettorali. Nixtieq niddikjara illi fl-ebda stadju u qatt ma kkommettejt ruħi mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni dwar tibdil fil-Liġijiet Elettorali."**

Dan qalu il-Prim Ministru Dr Karmenu Mifsud Bonnici nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju meta għamel stqarrija fil-Parlament dwar diskors li l-Kap ta' l-Oppożizzjoni kien għamel fl-Università nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju.

Għal mistoqsija tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni jekk jikkonfermax li f'laqgħa li kellhom dwar innomina ta' l-Onor. Perit Mintoff bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali fil-preżenza ta' l-Onor Dr Cassar u l-Onor Dr Demarco kienu tkellmu fuq emendi għal-liġijiet elettorali u l-Prim Ministru kien qallu li dawn ma jistgħux isiru għalissa għaliex inkella l-pubbliku jieħu impressjoni li l-elezzjonijiet waslu, u dan it-tibdil elettorali kien ikkommetta ruħu għalih anke l-Prim Ministru ta' qabel li jsir meta jkun il-waqt, il-Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici ikkonferma li f'laqgħa li semma l-Kap ta' l-Oppożizzjoni qanqal id-diskussjonijiet li kienu qed isiru bejn iż-żewġ partiti dwar tibdil f'li Standing Orders tal-Kamra, dwar tibdil fil-Kostituzzjoni u dwar tibdil fil-liġijiet elettorali.

**"Dak inhar lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni u lill-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista jien għidtilhom illi dawn id-diskussjonijiet ma jistgħux jitkomplew għar-raġunijiet li kienu magħrufa, fosthom għaliex il-Partit Nazzjonalista kien approfitta ruħu minn dawn id-diskussjonijiet biex jagħti l-impressjoni illi se ssir elezzjoni qabel żmienha u din kienet ħaġa ta' dannu għall-pajjiż u ta' daħk fil-wiċċ lill-poplu għaliex dan mhux se jsir.**

It-tieni, għidtlu wkoll illi l-Kap ta' l-Oppożizzjoni kien jaf illi hemm impediment serju, ċioè l-kwestjoni tas-sejba ta' l-armi u l-munizzjon u l-bombi fil-Headquarters tal-Partit Nazzjonalista, u fl-imħażen f'Ħal Qormi li skond l-informazzjoni li għandu l-Gvern kienu armi u bombi li qabel kienu fil-Headquarters tal-Partit Nazzjo-

**"Il-poplu għadu jistenna li mill-Partit ta' l-Oppożizzjoni tintwera dik id-diċenza u s-serjetà meħtieġa biex jinkixef min kien responsabbli għall-bombi u l-armi fil-Headquarters u fil-maħżen f'Ħal Qormi."**

> **"Il-Partit Nazzjonalista kien approfitta ruħu minn dawn id-diskussjonijiet biex jagħti l-impressjoni illi se ssir elezzjoni qabel żmienha."**

nalista u ttieħdu hemm biex jinħbew hemmhekk. Lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni u lill-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista nsistejt miegħu, kif insista sieħbi d-Deputat Prim Ministru Ġużè Cassar, illi kien l-obbligu tal-Partit Nazzjonalista illi jikxef min kien responsabbli għal dawn l-armi. Għidtlu wkoll illi minn informazzjoni li għandha l-Pulizija ma kien hemm ebda dubbju illi xi mexxejja tal-Partit Nazzjonalista kienu responsabbli jew kienu konnessi ma' dawn l-armi u l-bombi. Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni qal illi dan ma kienx jaf bih hu, ma kienx jaf min kien responsabbli, u qal ukoll li jeskludi illi kien hemm xi mexxejja tal-Partit li kellhom x'jaqsmu ma' din il-kwestjoni. Issemma bniedem li diversi drabi kien issemma fil-pubbliku, jiġifieri ċ-Chief Security Officer fil-Headquarters tal-Partit Nazzjonalista, Gejtu Cuschieri. Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni nsista li Gejtu Cuschieri mhuwiex wieħed mill-uffiċjali tal-Partit Nazzjonalista. Min-naħa tiegħi jien għidtlu li l-kariga ta' Chief Security Officer m'hemmx dubbju li tindika, turi, illi Gejtu Cuschieri ma kienx mexxej tal-Partit imma kien uffiċjal tal-Partit Nazzjonalista għax kien jissejjaħ Chief Security Officer. Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni baqa' jinsisti li għalkemm Gejtu Cuschieri kien jissejjaħ Chief Security Officer ma kien xejn ħlief a 'glorified caretaker'. Qalli li l-kariga tiegħu hi bħala dik ta' 'glorified caretaker' li ngħatat dan l-isem minħabba xi raġunijiet storiċi li jiġu minn żmien li kien hemm ħaddieħor qabel, meta kien hemm il-mibki Dr Borg Olivier bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista.

Però aħna bqajna, kemm sieħbi u kemm jien, li xorta waħda kienet responsabbiltà tal-Kap tal-Partit Nazzjonalista u tal-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista illi jagħmlu minn kollox biex jissodisfaw lill-pubbliku, jingħad lill-pubbliku min kien responsabbli ta' dawn l-armi u minfejn ġew dawn l-armi. U sakemm isir dan min-naħa tal-mexxejja Nazzjonalisti, ma kienx possibbli li l-Partit tal-Haddiema jafda lill-Partit Nazzjonalista biex jidħol f'diskussjonijiet bejn iż-żewġ partiti.

M'hemmx kwestjoni li ma wegħedx u ma kkommettejtx ruħi għall-ebda tibdil fil-Liġi Elettorali.

**Il-pożizzjoni għadha dik li kienet mill-bidu, anzi nixtieq ngħid illi meta l-Kap ta' l-Oppożizzjoni fid-diskors tiegħu tas-16 ta' Mejju fl-Università semma lil-Prim Ministru Mintoff u qal li dan ukoll kien ikkommetta ruħu, nixtieq ngħid illi l-Prim Ministru Mintoff ma kkommetta ruħu xejn fis-sens li qal illum il-Kap ta' l-Oppożizzjoni; u l-pożizzjoni hija dik li kienet ingħatat bil-miktub fl-ittra tat-18 ta' Frar lill-President tar-Repubblika li bagħat Dom Mintoff qabel it-18 ta' Frar ta' sentejn ilu, fl-1983.**

Se naqra l-kliem relevanti ħalli ma jkunx hemm aktar kwestjoni dwar dan il-punt, jiġifieri jekk il-Partit tal-Haddiema għandux xi 'commitment' li jbiddel il-Liġi Elettorali. Mhux qed ngħid illi l-Partit tal-Haddiema jeskludi illi l-Liġi Elettorali tinbidel, imma qed ngħid illi ma hemm ebda 'commitment' u mgħandux għalfejn il-Kap ta' l-Oppożizzjoni jipprova jidħak bil-partitarji tiegħu u bil-poplu dwar dan il-punt. Jiġifieri jekk ma jivverifikawx ruħhom b'ċirkustanzi li fl-opinjoni tal-Partit tal-Haddiema jiġġustifikaw tibdil fil-Kostituzzjoni u fil-Liġi Elettorali, ma jkunx hemm ebda tibdil la f'waħda u lanqas fl-oħra.

Il-Perit Mintoff fit-18 ta' Frar, 1983 kien kiteb hekk lill-President tar-Repubblika:

*"Jien għidtlek u nerġa' ntennilek illi fuq ir-responsabbiltà tiegħi personali minkejja l-fatt li jien marbut ma' sħabi tal-Kabinett u l-Membri l-oħra tal-Malta Labour Party u tal-General Workers' Union, li ma niċċaqlaqx mill-aħħar dikjarazzjoni pubblika li għamilt li mhux se jkun hemm ebda ftehim fuq xejn mal-Partit Nazzjonalista, . . . ."*

— u dan qalu għaliex il-Partit Nazzjonalista kien ingħata żmien biex ma jkomplix bil-'boycott' tiegħu tal-Parlament, skada dak iż-żmien, il-Partit Nazzjonalista webbes rasu u baqa' barra mill-Parlament u mbagħad ridna nsibu mezzi kif nistgħu biex d-Deputati tal-Partit Nazzjonalista jerġgħu jidħlu lura fil-Parlament —

*". . . . inwiegħed illi nagħmel ħilti biex qabel elezzjoni oħra, wara li jkunu saru d-diskussjonijiet fuq l-affarijiet kollha li jixtiequ jbiddlu ż-żewġ naħat . . . ."*

— u mhux emendi fuq il-Liġijiet Elettorali —

*". . . . wara li jsiru d-diskussjonijiet fuq l-affarijiet kollha li jridu jbiddlu ż-żewġ naħat, jidħlu emendi ġodda fil-Kostituzzjoni ta' l-1974 u mhux fil-Liġi Elettorali imma fil-Kostituzzjoni . . . ."*

— dak il-'commitment' —

*". . . . skond dak li jiġi miftiehem bejniethom, bejn iż-żewġ naħat.".*

Dak huwa l-'commitment' personali li ta l-Perit Mintoff.

**"L-iktar inċident li ta lok għas-sospensjoni ta' dawn id-diskussjonijiet kien l-inċident tal-bomba li saret wara d-dar taċ-Chairman ta' l-AirMalta."**

Il-Partit tal-Ħaddiema u l-General Workers' Union approvaw dak il-'commitment', imxejna fuqu u bdew id-diskussjonijiet biex niddiskutu tibdil f'li 'Standing Orders', tibdil fil-Kostituzzjoni u tibdil fil-Liġijiet Elettorali.

Però dak huwa l-'commitment' li ngħata sat-18 ta' Frar, 1983.

Minkejja li l-Partit tal-Ħaddiema u l-General Workers' Union urew ir-rieda tajba u bdew dawn id-diskussjonijiet imbagħad saru ċerti inċidenti li kienu jiġġustifikaw li wieħed ma jagħtix iktar fiduċja lill-Partit Nazzjonalista.

L-iktar inċident li ta lok għas-sospensjoni ta' dawn id-diskussjonijiet kien l-inċident tal-bomba li saret wara d-dar taċ-Chairman ta' l-AirMalta li f'għajnejn il-Partit tal-Ħaddiema kienet saret biex tintimida lil din il-persuna għas-servizz li qed tagħti lill-poplu Malti. Imbagħad wara wkoll inqala' l-inċident tas-sejba ta' l-armi u tal-bombi u allura hemm il-konferma tal-ħtieġa li wieħed ma jagħtix il-fiduċja meħtieġa li diskussjonijiet bħal dawn jirrikjedu biex jistgħu jsiru u jintemmu b'suċċess.

Minn dak in-nhar il-Partit Nazzjonalista ma ta ebda prova illi huwa se jgħin biex jinkixfu min jagħmel il-bombi biex jitterrorizza lill-poplu, anzi l-Gvern għandu raġun jgħid, għaliex jaħseb, li xi wħud mill-bombi li saru, speċjalment ma' ċerti ambaxxati, dawn ma setgħux kienu minn nies li jappoġġjaw lill-Gvern, anzi għandhom jiġu raġonevolment interpretati li saru minn nies li kellhom interess li jiddistabilizzaw is-sitwazzjoni lokali, li jagħmlu ħsara lill-Gvern Soċjalista Malti. Minkejja dan kollu l-Partit ta' l-Oppożizzjoni ma ħassx il-ħtieġa li jgħin lill-Gvern f'dawn l-investigazzjonijiet. Anzi, meta ġew mitluba, nnaħa l-oħra, biex jgħinu f'dawn l-investigazzjonijiet billi jagħtu tagħrif, illi hemm raġuni għaliex naħsbu li jafu biha min kienu ċerti nies, f'ċerti okkażjonijiet, dan it-tagħrif ma ngħatax għal xi skuża jew oħra. Lill-pulizija ma ngħatax dan it-tagħrif fuq ċerti investigazzjonijiet ta' reati. Jitkellmu fuqhom pubblikament u meta mbagħad il-pulizija tfittixhom biex jagħtu għajnuna, din l-għajnuna ma tingħatax fuq xi skuża jew oħra!

L-aħħar okkażjoni li naf biha, għax kienet fuq inizjattiva tiegħi, kienet meta l-Kap ta' l-Oppożizzjoni qal li jaf li qed joħorġu bagalji ta' liri Maltin. Qalha pubblikament f'diskors, bagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija, talbu biex ikellmu ħalli jagħti l-informazzjoni ħalli jekk dan ir-reat qiegħed isir jiteħdu passi kontra min qiegħed jikkommettih u ġablu skuża li din kienet informazzjoni li tawhielu 'in confidence' u ma jistax jagħti dettalji lill-Pulizija.

Issa jekk mhux veru għid li mhux veru! Din kienet kwestjoni ta' xi ġimgħat ilu. U fl-investigazzjonijiet li għamilt sibt li mhux veru dan, sibt li mhux veru dan. Kull ħaġa li jingħad dwar reati jien nieħu passi!

**Din hija ħaġ'oħra li l-Kap ta' l-Oppożizzjoni qiegħed jgħid: Li xi ħadd ordna lill-Ispettur tal-Pulizija biex ma jtellax lil xi ħadd il-Qorti fuq il-bombi! Jien niddikjara pubblikament li dan m'hu minnu xejn anzi mill-investigazzjonijiet li għamilt wara dawn ix-xnigħat li qal il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, sibt li m'hu veru xejn! Allura jkolli niddikjara li anke fuq dan il-każ dak li qal il-Kap ta' l-Oppożizzjoni ma kienx fondat, qed jirrepeti affarijiet, jew qed jivvinta affarijiet li mhumiex minnhom.**

L-importanti huwa li l-poplu għadu jistenna li mill-Partit ta' l-Oppożizzjoni tintwera dik id-diċenza u s-serjetà meħtieġa biex jinkixef min kien jew min kienu responsabbli għall-bombi u l-armi fil-Headquarters u fil-maħżen f'Ħal Qormi ta' partitarji tal-Partit Nazzjonalista. Mhux talli dan ma sarx, talli ttieħdu passi ħalli kull dikjarazzjoni li setgħet saret fil-Qorti, din id-dikjarazzjoni ma tkunx magħrufa lill-pubbliku, lill-poplu, ħalli l-poplu ma jkunx jaf bihom, ma jkunx jaf il-fatti.

Mhux talli dan ma sarx, talli l-uffiċjali jew il-mexxejja tal-Partit Nazzjonalista ħeġġew lin-nies, lill-poplu, biex ma jgħinux lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom.

Ħarġu direttivi biex dawn ma jgħinuhomx!

Allura qabel ma l-Oppożizzjoni tbiddel dan l-atteġjament tagħha, ma tistenniex l-Oppożizzjoni li l-Gvern u l-Partit tal-Ħaddiema se jitratta magħha fuq din il-kwestjoni. Dan qed jingħad mhux għax ma rridux nibdlu jew intejbu kull

**"La l-Prim Ministru Mintoff ma ta ebda wegħda li ma ġietx onorata u lanqas jiena ma tajt ebda kelma lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni li m'inhix beħsiebni nonoraha."**

liġi li hawn fil-pajjiż, inkluż il-Kostituzzjoni imma mhux sewwa li kultant żmien il-Kap ta' l-Oppożizzjoni joqgħod jagħti speranzi u tamiet żejda lin-nies tiegħu u jiżvijja lill-pubbliku Malti u jiżvijja lid-dinja dwar x'se jsir u mhux x'se jsir dwar elezzjoni jew le. Ħassejt li din id-dikjarazzjoni għandi nagħmilha għaliex kieku wieħed ħalliha għaddejja kien jibqa' jingħad, għada pitgħada, li l-Prim Ministru Mintoff ta kelma u din il-kelma il-Partit jew il-Gvern tal-Ħaddiema ma żammhiex; li jiena tajt xi kelma lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni u din il-kelma jew il-wegħda jiena ma onorajthiex.

**La l-Prim Ministru Mintoff ma ta ebda wegħda li ma ġietx onorata u lanqas jiena ma tajt ebda kelma lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni li m'inhix beħsiebni nonoraha.**

Il-kliem li ngħid lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jiena noqgħod attent x'ngħidlu għaliex issa tgħallimt 'a spejjeż' tiegħi li anke kieku wegħedt miegħu xi affarijiet konfidenzjali, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni japprofitta ruħu u jgħidhom pubblikament! U dak issa wkoll jagħtini ħjiel ta' kif għandi niddeporta ruħi mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**Imma minkejja dan kollu, kif diġà għidt, kategorikament nċħad lil dik l-okkażjoni jew xi okkażjoni oħra li l-Kap ta' l-Oppożizzjoni jien wiegħdtu, tajt xi 'commitment', fis-sens li hu mar igħid lill-istudenti Nazzjonalisti.''.**

# TQASSIM AĦJAR TAL-ĠID NAZZJONALI

## Benefiċċji Soċjali

Huwa fatt li ma jista' jinnegah ħadd li, mill-1971 'l hawn in-numru ta' benefiċċji maħruġa mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali żdiedu ħafna.

**Il-Benefiċċji ġodda ntrodotti f'dawn l-aħħar snin mill-Gvern Soċjalista, bħal "Children's Allowance", Pensjoni taż-Żewġ Terzi, ħlas għal waqt it-tqala, għotja għal min jiżżewweġ u Bonus flimkien mal-benefiċċji l-oħra, fl-1984, kienu jammontaw għal madwar Lm53 miljun. B'dan it-tqassim aħjar tal-ġid nazzjonali qed issir ġustizzja soċjali akbar tant li nistgħu niftaħru li nqata' l-faqar minn artna.**

Naturalment, l-ewwel prijorità tad-Dipartiment tingħata lill-benefiċċjarji biex dawn ma jdumux ma jirċievu l-ħlas tagħhom.

## Il-Pensjonant Malti huwa fost l-aqwa li hawn fid-dinja

Il-Gvern Soċjalista minn dejjem kellu għal qalbu l-pensjonanti u xhieda ta' dan huwa it-titjib enormi li sar fl-aħħar 14-il sena proprju fejn tidħol din is-sezzjoni tal-popolazzjoni. Mhux biss ħa ħsiebhom, iżda tahom prijorità fuq kulħadd. Infatti l-pensjonant Malti huwa fost l-aqwa li hawn fid-dinja u tista' tgħid li Malta hija l-unika post fid-dinja li tassigura għixien diċenti lill-pensjonanti tagħha kollha.

**Jekk Malta ħadd m'għadu qed jittallab il-karità, speċjalment il-pensjonanti, dan jafuh lill-Gvern Soċjalista Malti u lil ħadd iżjed.**

Madankollu malli jintgħelbu id-diffikultajiet preżenti, il-Gvern ikun jista' jtejjeb l-kundizzjonijiet u l-benefiċċji ta' kulħadd inklużi l-pensjonanti.

Il-Gvern sema' t-talbiet tal-pensjonanti u wegħedhom li dawn jingħataw kunsiderazzjoni xierqa meta jkun il-waqt li jkomplu jitjiebu l-benefiċċji għal poplu kollu. Iżda lill-Gvern Soċjalista m'hawn ebda għaqda li se tgħallmu kif jieħu ħsieb ix-xjuħ jew tħammarlu wiċċu għal dak li għamel f'dan il-kamp.

Dan jixhduh l-eluf ta' xjuħ li ma kellhomx ċentezmu pensjoni u llum għandhom aktar minn biżżejjed. Jixhduh dawk l-eluf li qabel kienu jiddependu fuq il-karità ta' ħaddieħor u l-lum jirċievu pensjoni bi dritt u ma jridu jittalbu u jitkarrbu lil ħadd.

# Il-Gvern ħa ħsieb biex il-ħaddiema seta' jkollhom djar diċenti fejn jgħixu

— Il-Ministru Lorry Sant

Nhar il-Ħamis 6 ta' Ġunju 1985 fil-Parlament, il-Ministru tax-Xogħlijiet, Djar u Sport is-Sur Lorry Sant ressaq mozzjoni sabiex il-Kamra tad-Deputati tiddiskuti u tapprova skema oħra ta' Arei għall-Iżvilupp tal-Bini.

Permezz ta' l-Iskema tal-Bini, f'perijodu ta' sentejn il-Gvern se jkun ipprovda kważi 2,300 biċċa art għall-bini. Is-sena li għaddiet inħarġu 1,325 plot fi 8 lokalitajiet differenti; u issa ħarġu għadd kbir ta' plots oħra fi 11-il lokalità differenti.

Minbarra dawn il-mijiet ta' plots, il-Gvern ħareġ ukoll bċejjeċ oħra ta' art taħt l-iskema tal-Home Ownership u anke sejjer jkompli jibni huwa direttament sabiex jipprovdi akkomodazzjoni lil dawk li ma jistgħux jibnu.

**L-Estmi ta' Dħul u Nfiq ta' l-Awtorità tad-Djar għas-Sena Finanzjarja 1984/85 kienu ġew ippreżentati fil-Parlament nhar is-26 ta' Novembru 1984.**

**Dak in-nhar il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport is-Sur Lorry Sant kien l-kelliemi ewlieni fid-dibattitu li kien sar u li fih il-Ministru wera kif il-Gvern mill-ewwel kien ħa ħsieb jibni djar u flats u qassam plots ħalli l-ħaddiema seta' jkollhom dar diċenti fejn jgħixu.**



Il-Ministru Lorry Sant

Siltiet mid-diskors tal-Ministru:

"Nibda biex ngħid li l-Gvern Soċjalista kien għal pajjiżna l-Gvern li bis-serjetà ta każ il-problema tad-djar. Il-problema kollu li għandu x'jaqsam mad-djar mhux biss tajnih l-attenzjoni tagħna billi bnejna imma wkoll billi ħarisna lejh bħala servizz soċjali għall-poplu tagħna Malti u Għawdxi u, għaldaqstant, ħadna ħsieb li naraw ukoll li min għandu bżonn ta' dar ikollu d-dar tiegħu — u li jkollu wkoll dawk il-liġijiet li jipproteġuh kontra t-tkeċċija inġusta minn dik id-dar li jkun joqgħod fiha, kif ukoll liġijiet li jipproteġuh dwar dak li għandu x'jaqsam ma' ħlas ta' kera; u ma nħallux f'pajjiżna l-liġi tal-ġungla li kienet tipprevali f'pajjiżna qabel ma saru dawn il-liġijiet li, kif sar il-bini f'pajjiżna, saru wkoll minn Gvern Soċjalista.

**"Kien hemm liġi, qabel, li permezz tagħha s-sid kien jaqbad u jgħolli l-kera meta jogħoġbu u meta jrid mingħajr ħadd ma jindaħallu; u jekk ma kontx tista tħallas kien ikollok taħroġ minn dik id-dar li kont toqgħod fiha. Konna aħna li għamilna l-liġijiet tal-kera biex nipproteġu lil min kien ikollu d-dar fejn joqgħod u li għaliha kien iħallas il-kera.**

"Liġi oħra li l-Gvern Soċjalista għamel kienet dik li permezz tagħha wieħed li kien jieħu ċens illum dan jista' jifdih. Aħna wkoll għamilna l-kondizzjonijiet li fuqhom dak iċ-ċens jista' jiġi mifdi u tajna ċ-ċans lil kulħadd, bil-liġi li għamilna li jekk snin ilu, l-antenati daħlu biex bnew xi post fejn joqogħdu iżda s-sid ta' l-art żammhom marbutin miegħu, soġġetti għalih billi għamlilhom iċ-ċens perpetwu jew temporanju, dan illum, bil-liġi li għamilna, tajnihom iċ-ċans li dan iċ-ċens jifduh.

"Kellna l-kwestjoni ta' dawk l-inkwilini li kellhom ċens temporanju ta' 17-il sena u li sibnihom dawn f'sitwazzjoni ddisprata għax, meta kien se jagħlaq iċ-ċens tagħhom, is-sidien tagħhom kienu qed jiddomandaw li l-inkwilini jitilqu 'l barra minn fejn kienu joqogħdu. Aħna anke lil dawn ipproteġejnihom b'tali mod li għamilna liġijiet apposta ħalli dak li għandu ċens jista' jibqa' jgawdih b'ċerti kondizzjonijiet billi l-kera tiżdiedlu u b'hekk allura salvajna milli ħafna nies, milli ħafna familji, jispiċċaw barra fit-triq jew il-Gvern irid jara kif jip-

provdilhom fejn joqogħdu.

"L-aktar ħaġa li għamilna wkoll ta' servizz soċjali għall-poplu tagħna kienet li mhux biss aħna bnejna u tajna l-art biex fuqha wieħed jibni, iżda li l-Gvern Soċjalista ħa ħsieb biex jara li min jixtieq li jkollu art biex jibni fuqha d-dar tiegħu ma ħallejniex aħna l-prezzijiet jibqgħu jiġu stabbiliti minn min ikollu l-art biex ibigħha, imma għamilna liġijiet li wkoll jikkontrollaw dak il-prezz ta' l-art. B'hekk aħna ħadna ħsieb li bħalma nikkontrollaw il-prezz tal-ħobż, kif nikkontrollaw il-prezz tal-ħalib, kif nikkontrollaw il-prezzijiet ta' ħafna mill-affarijiet essenzjali, hekk ukoll dan għax aħna ħarisna lejh bħala servizz soċjali u essenzjali, allura anke f'dan ir-rigward aħna ħadna ħsieb li naraw li l-prezz ikun ġust.

"Mill-banda l-oħra għamilna wkoll — u dan għamilnih mill-bidu ta' l-Amministrazzjoni Soċjalista — li ma nistgħux aħna nipprovdu djar lin-nies tagħna — inutili nagħmlu dawk il-liġijit taċ-ċnus, ta' kontroll fuq il-prezzijiet u li nagħtu għajnuna lin-nies tagħna biex ikollhom il-plot jew dar tagħhom — jekk fuq kollox aħna ma nipproteġux dik l-art li fuqha jrid isir l-istess bini. F'dan ir-rigward aħna bħala Gvern Soċjalista li nemmnu u li dejjem emminna li l-art Maltija f'pajjiżna għandha tibqa' tal-poplu tagħna, ġejna hawn mill-ewwel ftit xhur wara li tlajna fil-gvern fl-1971, u għamilna liġi li permezz tagħha pajjiżna ma setax jibqa' jinbiegħ biċċa biċċa lill-barranin. Dan għamilnih għax sa ma tlajna aħna pajjiżna, taħt l-Amministrazzjoni Nazzjonalista, kien qiegħed jitħalla jinbiegħ biċċa biċċa lill-barrani. B'hekk konna se nispiċċaw aħna li l-istess pajjiż li aħna rridu namministraw, li aħna rridu mmexxu, li fuqu aħna rridu nibnu ħajjitna u l-ekonomija tagħna konna se nsibu li dan se jispiċċa f'idejn il-barranin. Għamilnih dan kontra dak kollu li dak inhar kienet tgħid l-Oppożizzjoni u kontra dak kollu li kienet tgħid is-Soċjetà, l-Għaqda, ta' dawk li jsejħu lilhom is-sidien (tal-proprjetà) li huma nkarigati mill-iżvilupp ta' pajjiżna. Din kienet l-Għaqda li meta aħna ħadna dawn il-passi li l-art u l-bini ma jinbiegħx lill-barranin, **eccetto** dar waħda b'ċerti kondizzjonijiet, dawn ġew fuqna jipprotestaw għaliex aħna konna se nagħmlu u għamilna dawn l-liġijiet. Imma kif aħna llum konvinti

**"Aħna waqqajna s-'slums' ġewwa l-Belt, ġewwa l-Birgu ... u bnejna minflokhom postijiet ġodda ta' abitazzjoni."**



u kif konna dak in-nhar konvinti li dak li għamilna fl-aħjar interess tan-nazzjon, illum anke dawk l-istess nies li kienu jikkritikawna u ħaduha kontrina għax ħadna dawn il-miżuri, illum huma stess sodisfatti għax jafu li li kieku biegħu dik il-proprjetà li kellhom lill-barranin dik il-proprjetà spiċċatilhom; u l-fatt li ma bigħuhiex il-proprjetà din setgħet tibqa' tagħhom u jużawha għal qliegħ għalihom billi jikruha.

**"Tajjeb li naraw aħna x'ipprovdejna bħala akkomodazzjoni għall-poplu Malti. Nibda biex ngħid jien li f'dak li għandu x'jaqsam bini ta' djar u flats diretta-ment mill-Gvern, aħna f'dawn l-aħħar 13-il sena pprovdejna madwar 6,000 akkomodazzjoni; il-housing estates ta' Ta' Xbiex, ta' Santa Luċija, iż-Żejtun, is-Siġġiewi, kważi f'kull raħal u belt f'pajjiżna aħna tellajna bini ġdid, flats jew inkella djar. Minbarra dan aħna waqqajna s-'slums' ġewwa l-Belt, ġewwa l-Birgu, biex dawn l-areas li kienu jagħmlu diżunur lil min joqgħod fihom u li s-sidien tagħhom lanqas biss kienu jersqu lejhom ħalli jieħdu l-kera mingħand dawk li kienu joqogħdu hemm, aħna dawn waqqajnihom u bnejna minflokhom postijiet ġodda ta' abitazzjoni. Jien ma**

**nistax ninsa t-turmenti li ħassejna u s-sofferenzi li sibna ma' wiċċna mhux dak in-nhar meta l-Gvern Soċjalista waqqa' l-Mandraġġ u bnih ġdid dan, imma meta ġejna biex kerrejjiet li kienu fl-agħar kondizzjonijiet li wieħed jista' jimmaġina waqqajnihom biex nibnuhom mill-ġdid.**

**"Il-Marsa, niftakar jien, kien hemm familji li kien għad għandhom il-loki wara l-bieb ta' barra u li ż-żewġt ikmamar li kellhom, li joqogħdu fihom, kienu parti minnhom jużawhom għall-bhejjem tagħhom. Il-bhima biex tidħol fl-istalla tagħha trid tidħol mill-kamra li huma jorqdu u jieklu fiha. Dan li kellna l-Marsa meta ġejna biex inwaqqgħuh! U mingħajr skruplu ta' xejn l-avversarji tagħna, il-Partit Nazzjonalista, flok li ħeġġeġ lil dawn in-nies ħalli huma jikkoperaw, ħalli jaċċettaw il-proġett li kien qiegħed isir għalihom, kien ixewwixhom kontra tagħna li aħna qegħdin nagħmlu hekk biex nisfrattaw il-kommunità tagħhom, biex noħorġuhom mill-Belt, biex noħorġuhom mill-Marsa.**

"Imma llum dawn l-istess nies, wara li raw ix-xogħol li għamel il-Gvern Soċjalista kemm kien ta' fejda għalihom, ibierku lill-Gvern Soċjalista għal dak li għamilna.

"Mela aħna f'dan iż-żmien ħadna ħsieb li nibnu ġdid, li nwaqqgħu u nibnu u biex nagħmlu dan ridna nakkwistaw dik il-proprjetà u nkomplu nħallsu l-kera tagħha, tajna bħala plots taħt l-iskema magħrufa tal-Home Ownership Scheme, li l-Gvern Soċjalista ntroduċa, madwar 5,400 biċċa art — bċejjeċ ta' art din is-sena biss (1984) ħriġna 659 plot ukoll — biex fuqhom il-Maltin u l-Għawdxin jibnu d-dar tagħhom kif jixtiequ huma. Aħna mhux biss tajnihom il-plot ħalli fuqha jibnu d-dar tagħhom, imma tajnihom ukoll il-vantaġġ li min se jibni d-dar tiegħu se jkollu wkoll imħallas mill-Gvern il-formazzjoni tat-triq, it-twassil tad-drenaġġ u t-twassil tal-main ta' l-ilma, faċilitajiet li qabel ma kellhomx, għax din l-iskema ntroduċejniha aħna żmien ilu. Kien hemm gvern ieħor li kien jislifhom xi ħaġa li riedu jħallsuha lura b'imgħax tajjeb, u aħna mhux biss tajnihom l-art, imma tajnihom ukoll dawn is-servizzi u tajnihom ukoll vantaġġ ieħor, li l-art jeħduha b'ċens perpetwu. Dan ma kienx biżżejjed għax anke lil dawn stess li ħadu dawn il-plots tal-Gvern, aħna tajnihom l-għajnuna b'liġi li għamilna apposta ħalli, jekk iridu, jmorru jissellfu mill-bank ammont ta' flus li bih jistgħu jibnu d-dar tagħhom. Anke f'dan ir-rigward aħna, li nafu li meta l-bank jisilfek ma jisilfekx b'inqas minn 8%, għamilna liġi apposta li l-imgħax fuq is-self għandu jkun ibbażat skond l-qliegħ ta' l-individwu. Għalhekk ngħidu li dan huwa ħolqa wara l-oħra, kollha nħarsu lejhom dawn l-affarijiet mill-lat soċjali. F'dan ir-rigward minflok ma jħallsu 8%, dak li ħa plot tal-Gvern jista' skond id-dħul li għandu, iħallas biss 2%.

"Dan kien wieħed mill-ikbar privileġġi li tajna. Dan għamilnih u qed inkomplu nagħmluh biex nuru li aħna ma rridux nidħku binnies u ngħidulu: 'Aħna rriduk tibni d-dar tiegħek, irridu li jkollok id-dar fejn toqgħod' u mbagħad nagħmluhielu diffiċli biex hu jibniha. Għax li tagħtih l-art, plot, hi verament biċċa xogħol ħafifa għall-Gvern, imma mbagħad li tipprovdilu dawk is-servizzi, li tagħtih ċens perpetwu u ċ-ċans li jmur il-bank jissellef b'rata baxxa — u d-differenza f'dik li hija rata ta' imgħax se jħallasha l-Gvern — turi s-serjetà li aħna verament ridna ngħinu biex f'Malta, kemm jista' jkun malajr, il-poplu tagħna jkollu d-dar tiegħu fejn joqgħod.



**"Il-Marsa ... iż-żewġt ikmamar li kienu joqogħdu fihom kienu parti minnhom jużawhom għall-bhejjem tagħhom."**

**"Ma kienx ikun possibbli taħt amministrazzjoni oħra li l-ħaddiema japplikaw biex jibnu d-dar tagħhom."**



"Meta għamilna dawn l-affarijiet, jiġifieri li bnejna direttament, li waqqajna s-slums u bnejna djar ġodda flokhom u li tajna l-plots, il-Gvern Soċjalista rrikorra mbagħad għal miżura oħra, — dik li aħna nagħtu bċejjeċ ta' art taħt l-iskema magħrufa tal-Building Development Areas. Fil-1983, għall-ewwel darba, aħna qassamna 1,325 biċċa art biex dak li jkun jibni d-dar tiegħu fuqhom mingħajr ebda kondizzjonijiet. Dawn, tajnihom lil min ried li japplika għalihom bħala xiri — għandu ċ-ċans li jixtriha dik l-art darba biss — u għal dawn il-plots il-prezz kien ta' bejn Lm250/Lm650 li għalihom, dawn l-1,325 plot, kellna numru sostanzjali ta' applikazzjonijiet. U il-Gvern Soċjalista se jkompli billi se nerġgħu noħorġu areas oħra ta' żvilupp......

"Jiġifieri dan se jkun proġett ieħor tal-Gvern Soċjalista biex il-Maltin u l-Għawdxin ikunu jistgħu jixtru biċċa art bi prezz raġonevoli, bi prezz irħis ħafna li fuqha jistgħu jibnu d-dar tagħhom

"Biex inkomplu naraw x'għamilna f'dan iż-żmien ta' Amministrazzjoni Soċjalista ngħid li ġew provduti għall-poplu tagħna djar u akkomodazzjonijiet li qabel kienu f'idejn il-Gvern Ingliż. Il-Housing Department qassam madwar 2,700 dar li ġew f'dan il-perjodu. Matul l-1984 il-Gvern qassam 351. Għandna wkoll dak li qiegħed jinbena, il-Proġett ta' Liesse il-Belt, il-Proġett tal-Gżira quddiem Manoel Island, l-Isla, il-Belt, il-Birgu, li b'kollox hemm madwar 170 flat ieħor.

"Meta nħarsu lejn dak li ġie mibni mill- privat - u hawn nagħmel parentesi — biex ikollu id-dar għalih u nqisuh bħala parti li ġie pprovdut f'dan iż-żmien — nikkalkulaw x'ħarġu permessi tal-bini f'dawn it-13-il sena, insibu li ħarġu 79,000. Qed nikkalkolaw li f'dawn l-aħħar 13-il sena, ħarġu permessi 79,000! Aħna qed nikkalkolaw li 20,000 minnhom, matul is-snin li għaddew, kienu permessi li ħarġu biex dak li jkun jibni dar tiegħu u dawn il--permessi ħarġu lil nies, lill-familji li huma fil-'lower income group'.

**"Dawn in-nies qat ma seta' jkun li jitolbu biex jibnu dar tagħhom kieku f'pajjiżna s-sitwazzjoni ta' dawk il-ħaddiema, ta' dawk il-familji ma marretx għall-aħjar billi, bil-miżuri li ħa l-Gvern Soċjalista, d-dħul tagħhom kiber u setgħu jaffordjaw li jkollhom id-dar tagħhom. Ma kienx ikun possibli taħt amministrazzjoni oħra li dawn japplikaw biex jibnu d-dar tagħhom, imma kien possibbli illum għax bil-paga kif inhi llum, kif il-Gvern Soċjalista ħa ħsieb li l-paga tkun permezz ta' żidiet minħabba għoli tal-ħajja, biż-żidiet li ta u bl-introduzzjoni taċ-'childrens' allowance', bl-introduzzjoni ta' bonus, bil-possibilita' li wieħed ikollu qliegħ tajjeb, allura dak li jkun seta' jibni d-dar tiegħu. Aħna nafu u narawh kemm Maltin li m'humiex fis-settur li għandhom dħul kbir imma li għandhom dħul medju, setgħu jibnu d-dar tagħhom.**

"Meta nħarsu lejn dak kollu li għamilna, bix-xogħol tagħna, kif wassalna lil haddieħor li jista' jibni wkoll direttament għalih, insibu li f'dan iż-żmien kollu, il-Gvern Soċjalista pprovda ma' l-40,000 unit, jiġifieri 40,000 bejn djar u flats għall-poplu tagħna. Dan huwa numru kbir għax jekk inti dan in-numru ta' units tikkunsidrah li kull familja hija ta' tlieta, jiġifieri b'dan aħna, f'paj-

jiżna pprovdejna akkomodazzjoni għal 120,000 ruħ li hi iktar minn terz tal-popolazzjoni ta' pajjiżna. Dak li għamilna aħna f'dan ir-rigward ħadd u l-ebda Gvern Kolonjali u Nazzjonalista qatt ma kienu joħolmu jew waslu biex jagħmluh.

"U x'infaqna aħna? Aħna biex għamilna dan kellna nonfqu il-flus. Biżżejjed ngħid, hawnekk, li mill-figuri li tawna l-uffiċjali nkarigati tad-dipartimenti konċernati, insibu li għal dak li għandu x'jaqsam biss ma' bini ta' djar u flats, il-figura telgħet għal Lm31 miljun li din is-somma lanqas ma tinkludi l-akkwist ta' l-art biex aħna esproprjajna l-art u lanqas ma tinkludi dak li aħna nħallsu taħt 'possession and use' fejn ħadna proprjeta' biex ikkonvertejniha minn 'slum' għal bini diċenti.

"Meta aħna nippruvaw nispjegawha lill-barranin li jiġu hawn Malta, lanqas ikunu jridu jemmnu kif aħna, dan il-pajjiż hekk ċkejken, hekk fqir, ħdejhom kapaċi naslu biex nagħmlu dawn l-affarijiet. L-ebda pajjiż minn dawk li jiftaħru li huma sinjuri ma jagħmlu faċilitajiet hekk tajba għal min hu fil-bżonn u jrid jibni d-dar tiegħu. Ma jemmnux kif aħna kapaċi u nistgħu naslu biex nagħmlu dawn l-affarijiet. U kburin aħna li għamilnihom għax meta nħarsu lejn dak li għandna 'committed' kollu, nsibu li għall-imgħax medja ta' Lm2,402 li qed iħallas kull wieħed li ħa plot jew li xtara dar jew flat, bejn l-Awtorita' u l-Lohombus qed jitħallsu Lm2,575, voldieri aħna qed inħalsu Lm173 aktar milli qiegħed iħallas l-istess individwu f'interessi fuq dak li jkun issellef hu. U dan mhux jonqos qiegħed. Dan qed ngħidu biex meta aħna nħarsu lejn il-figuri u ta' x'qed nagħmlu u naraw dak li konna qegħdin nagħmlu fis-snin l-imgħoddija li nibnu dawk l-eluf ta' djar u flats — illum m'għadux il-każ — naraw li aħna xorta waħda qegħdin dawk il-flus noħorġuhom biex jinbnew id-djar, taħt forma oħra, b'metodi oħra imma dejjem bl-istess skop li aħna nipprovdu akkomodazzjoni lin-nies fejn joqogħdu.

**"Imma kien ikun possibbli dan kieku pajjiżna baqa amministrat mill-istess Amministrazzjoni li lanqas qatt ħolmot li tagħmel dawn l-affarijiet għall-poplu Malti? Ma kienx ikun possibbli! U għalhekk jiena fil-bidu tajt rendikont fil-qosor ta' dak li kien qiegħed jiġri f'pajjiżna. Dan mhux aħna ngħiduh. Il-fatt li fi żmien l-Amministrazzjoni Nazzjonalista ma kienux isiru dawn l-affarijiet igħiduh l-istess Nazzjonalisti, igħiduh l-istess kumitati tal-Partit Nazzjonalista, igħiduh l-istess kappillani ta' l-irħula u bliet.**

"Jekk hawn xi ħaġa li aħna nafu nagħmlu huwa li nibnu d-dar tagħna. Aħna għamilnih dan mingħajr barranin, għamilnih waħedna u biex naraw li jitkompla ħadna ħsieb ukoll li ngħallmu liż-żgħażagħ tagħna biex din is-sengħa titkompla. Għax inutili inti li toqgħod tagħti l-plots u li tagħti l-art biex fuqgħa jinbnew id-djar, jekk imbagħad m'għandekx min jibnihom. U hekk kien qed jiġrilu pajjiżna għax anke f'dan ir-rigward il-bennejja kienu qed jispiċċaw, in-naġġara kienu qed jispiċċaw u aħna Gvern Soċjalista ħadna ħsieb biex naraw ukoll li anke f'dan ir-rigward naraw li din is-sengħa, bħalma hija s-sengħa tal-mastrudaxxa, bħalma hija s-sengħa tal-fitter, għandna nżommuha ħajja ħalli tkompli tagħmel ix-xogħol u tagħti servizz lill-pajjiż. U ntroduċejniha u kburin illum li ħarriġna ħafna tfal tajba f'din is-sengħa li permezz tagħhom ix-xogħol f'dan il-qasam qiegħed jitkompla.

**"In-naġġara u l-bennejja kienu qed jispiċċaw u l-Gvern Soċjalista ħadna ħsieb naraw li din is-sengħa għandna nżommuha ħajja."**



"Hija policy tal-Gvern li dak li għandu d-dar jew li għandu l-flat li qed jokkupah, tal-Gvern, għandu jixtrih biex aħna nkunu nistgħu nipprovdu mbagħad djar, akkomodazzjoni, flats — għal dak li verament ma jista' qatt jixtri l-flat jew jixtri l-art jew ikollu l-art biex jibni d-dar tiegħu. F'kelma waħda, biex nipprovdu għal dawk li għandhom l-inqas paga. Dan li rridu nagħmlu aħna. Għalhekk aħna allura nippretendu li min ħa dar fl-imgħoddi u għandu kera baxxa ħafna — għax hemm min għandu dar b'Lm60 kera u b'Lm50 kera fis-sena, u Lm80 — jirrispondi għall-appell tal-Gvern biex dik id-dar jixtriha. Għax allura jkollhom jittieħdu xi miżuri 'l quddiem li jkollna din il-kwestjoni nirranġawha mod ieħor. Meta inti qed toffri għall-bejgħ flat b'Lm2,000 jew flat bi Lm3,000 jew djar b'Lm5,000 allura ma tistax tagħmilha iktar tajba minn hekk biex dak li jkun jixtri.



**"Fl-ebda pajjiż minn dawk li jiftaħru li huma sinjuri ma jagħmlu faċilitajiet hekk tajba għal min hu fil-bżonn u jrid jibni d-dar tiegħu."**

"Għalhekk ngħid jien li huwa importanti li nsibu l-koperazzjoni ta' kulħadd biex dak il-bejgħ li aħna rridu nagħmlu u qegħdin ngħidu għalfejn irridu nagħmluh, biex permezz ta' dak li ndaħħlu nibnu għal dawk li verament ma jistgħux jibnu huma nfushom id-dar tagħhom, inkunu nistgħu nipprovdulhom id-djar. Irridu wkoll li anke dawk li ħadu xi plot u li qed joqogħdu f'postijiet tal-Gvern, b'mod speċjali, u li suppost dik il-plot diġa' bnewha, ma nistgħux aħna nittolleraw iżjed li wieħed joqgħod iġebbed biex jibni l-plot tiegħu. Għalhekk aħna ħadd m'għandu jeħodha kontrina jekk nesiġu u jekk ninsistu ma' min ħa l-plot biex ilesti l-plot biex jibni d-dar tiegħu mill-iktar fis possibbli.

"Aħna għamilna l-isforzi tagħna kollha biex mill-iktar fis possibbli l-każijiet li jkollna ta' housing nilqgħuhom u nħaffuhom u jidher ċar mit-tqassim li sar kemm mid-Dipartiment tad-Djar, kemm mill-Housing Authority, kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' allokazzjonijiet diretti, bil-punti u bis-sistemi l-oħra kollha, sar ħafna xogħol matul din is-sena li għaddiet u nispera, filwaqt li jien nirringrazzja mhux biss lid-Dipartiment tad-Djar għax-xogħol li għamel, imma anke l-Housing Authority li tagħha huwa dan il-Vot, u anke lil dawk li ħadmu magħhom biex ilestu l-postijiet .... Għax ma nistgħux aħna ninsew li f'Belt il-Ġmiel biss, f'inqas minn sena, minn barracks tas-suldati li kien mitluq hemm hekk u mormi, aħna pprovdejna numru sostanzjali ta' flats, ta' maisonettes li konna ppjanajna xi 70 u lestejna 86 maisonette hemmhekk, li ħriġnihom għall-bejgħ u sibna aktar (applikazzjonijiet) milli għandna maisonettes. Din, ma tfissirx ħaġa oħra ħlief li min joqgħod igħajjarna li f'pajjiżna hawn poplu fqir, li pajjiżna farraknih u kissirnih u sibna iktar applikazzjonijiet milli kien hemm postijiet għal dawn is-86 maisonette. Anke għas-semi-detached villas li hemm hemmhekk sibna wkoll numru sabiħ li riedu jixtru hemm. Għalhekk lilna tana l-kuraġġ li anke f'din Belt il-Ġmiel li aħna ħloqna fi ftit żmien inkomplu, din is-sena li aħna fiha, billi nagħmlu numru ieħor ta' maisonettes fiha. F'dan ir-rigward ma nistax jien ma nirringrazzjax lil dawk kollha li ħadmu u għenu f'dan ix-xogħol u li nkomplu għas-sena li ġejja billi nżidu r-ritmu ħalli l-iskop tal-Gvern, ix-xewqa tal-Gvern tintlaħaq billi naraw li f'pajjiżna jkollna n-nies, il-Maltin, igħixu fid-dar tagħhom. Il-fatti juru li l-ebda Gvern f'Malta qatt ma għamel għall-poplu tagħna f'dak li għandu x'jaqsam il-Housing, f'dak li għandu x'jaqsam id-djar, daqskemm għamel il-Gvern Soċjalista. Aħna fuq dan lesti biex inkomplu u kif tajna prova, inkomplu nagħtu għall-quddiem".

# TAGHRIF MILL-PARLAMENT

## Malta bħala Ċentru ta' Trasbord

L-ebda amministrazzjoni Maltija qatt ma ħadmet u stinkat biex ittejjeb il-portijiet Maltin daqs kemm għamel dan il-Gvern.

Il-Gvern Soċjalista wiret mingħand Gvern Nazzjonalista port tant ineffiċjenti li l-Conference Lines kienu għamlu 'surcharges'. F'dawn l-aħħar 14-il sena ħadd iktar ma semma 'surcharges' għax il-Gvern żviluppa l-Port il-Kbir f'port modern u effiċjenti. Il-Gvern żviluppa Magazine Wharf, bena l-mollijiet tal-Menqa u tal-Kurċifiss, bena Xatt ir-Riżq u issa bena 'silo' b'tagħmir mill-aktar modern. Hemm ukoll iż-żewġ kapolavuri fil-Port il-Kbir tal-baċir il-ġdid fit-Tarzna u tal-Marsa Shipbuilding Yard.

Fl-1977 il-ħaddiema tal-Port il-Kbir ħadmu 178,000 tunnellati ta' trasbord. Dan ix-xogħol laħaq l-aqwa tiegħu b'397,000 tunnellati ta' trasbord fl-1981, voldieri aktar milli rdoppja. Ir-riċessjoni mbagħad laqtet anki lil Malta u din it-tip ta' attività ma baqgħetx għaddejja bl-istess ritmu u naqset għal 169,000 tunnellati fl-1982 u dan l-aħħar sentejn kienet ta' madwar 90,000 tunnellati fis-sena.

Illum ħafna mix-xogħol ta' trasbord qed jinġarr f'bastimenti kbar ħafna. Dan il-Gvern stinka sabiex lesta, fi żmien rekord, il-Container Terminal ta' Marsaxlokk u qiegħed jibni b'urġenza terminals oħra f'Marsaxlokk sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'Malta l-ikbar vapuri li jġorru merkanzija għat-trasbord. Il-Container Terminal, li llum huwa lest, huwa mistenni li dalwaqt jibda jagħti l-frott tiegħu billi mhux biss nerġgħu naqbdu l-istess ritmu imma nkabbruh.

× × × ×

## Artijiet Mikrija mid-Dipartiment ta' l-Artijiet

Min jixtieq jakkwista xi art li tkun proprjetà tal-Gvern, kemm biex jikkultivaha jew għal skop ieħor kull ma għandu jagħmel hu li japplika lid-Dipartiment ta' l-Artijiet, jindika ċar, preferibilment fuq pjanta, l-art li qed jitlob u jgħid ukoll l-iskop li għalih jixtieq jakkwistaha.

Qabel ma applikazzjoni tintlaqa' trid tiġi studjata flimkien ma' talbiet oħra li jista' jkun hemm u skond kif ikun ipproġettat l-iżvilupp ta' l-ambjent f'dawk l-inħawi. Għal dan il-għan isiru wkoll konsultazzjonijiet ma' Dipartimenti oħra speċjalment id-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-P.A.P.B. Għalhekk mhux possibbli jingħad kemm idum dan il-proċess peress li t-talbiet ikunu diversi u mhux kollha jieħdu l-istess żmien. Lanqas tista' tgħid kemm hemm talbiet ta' din ix-xorta billi ma tinżammx statistika f'dan is-sens.

Jekk jiġi deċiż li l-art tista' tiġi allokata, toħroġ sejħa għall-offerti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern. Fejn min talab l-art ikun jistħoqqlu preferenza kemm għax din tkun tmiss mad-dar tiegħu jew għal xi raġuni xierqa oħra dan jingħata d-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Hi l-policy tal-Gvern li biċċiet ta' l-art, li ma hemmx użu aħjar għalihom jiġu allokati kif semmejt biex dawn ma jsirux miżbla jew jibqgħu żdingati u ġieli d-Dipartiment ta' l-Artijiet jieħu l-inizzjattiva biex joħroġ sejħa għall-offerti għall-allokazzjoni ta' biċċiet ta' art bħal dawn anke mingħajr ma jkun hemm talba speċifika.

× × × ×

## Importazzjoni mill-Ġappun

Xi importaturi li kienu jġibu prodotti mill-Ġappun irnexxielhom jibdew jipperswadu kumpaniji Ġappuniżi jixtru prodotti jew servizzi Maltin. B'hekk kien possibbli li tingħata reċiproċità minn naħa tagħna. Dan juri li l-politika tal-Gvern li, fl-interess nazzjonali, ninsistu li nqiegħdu l-kummerċ fuq bażi ta' reċiproċità, bdiet ikollha effett. Iżjed jista' jkun hemm effett jekk kulħadd jiġbed ħabel wieħed, flok ikun hemm min jipprova jfixkel l-interess nazzjonali għal skopijiet partiġġjani.

Ma dan kiber ukoll l-għadd ta' attivitajiet u 'tournaments' li jiġu organizzati ta' kull sena għat-tfal li jattendu ċ-Ċentru. Ta' kull sena gruppi ta' tfal jilagħbu kontra timijiet barranin kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Dan huwa ta' nċentiv għal dawk it-tfal kollha li jieħdu t-taħriġ tagħhom bis-serjetà.

## TFAL HANDIKAPPATI

Is-Sezzjoni Sport tal-Ministeru għamlet ukoll arranġamenti ma' l-Għaqda tal-Handikappati biex iktar tfal handikappati jiġu nkoraġġiti jattendu fiċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa.

Fil-passat qatt ma saret diskriminazzjoni fuq l-abbilità jew il-kapaċitajiet ta' l-applikanti u kien hemm tfal handikappati li attendew ma' tfal oħra.

Il-Ministru ta wkoll l-għajnuna meħtieġa biex għaqdiet tal-handikappati jorganizzaw attivitajiet fil-Marsa.

## RIŻULTATI INKORAĠĠANTI

Ir-riżultat li ħalla ċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa f'dawn l-aħħar snin huma nkoraġġanti u jagħtu lok sabiex wieħed jibda jaħseb biex itejjeb is-servizz u jiftaħ iżjed l-opportunitajiet għat-tfal tagħna. Il-ħidma li saret matul dawn is-snin hija ta' garanzija għall-futur, u ċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa ser ikompli jaħdem bis-sħiħ biex fis-snin li ġejjin l-attività tkompli tikber u tiffjorixxi għall-ġid ta' l-għaqdiet sportivi Maltin u għall-isport in ġenerali f'pajjiżna.

## SERVIZZ B'XEJN

Dan is-servizz qed jingħata b'xejn mill-Gvern Malti lit-tfal kollha ta' Malta b'servizz ta' 'coaches' u faċilitajiet mill-aħjar.

Madankollu, wieħed irid iżid is-servizzi li qed jagħtu 'coaches' Maltin kif ukoll barranin. Diversi 'coaches' Maltin flimkien ma' għadd ta' 'coaches' barranin qed jagħtu s-sehem tagħhom sabiex dawn it-tfal jingħataw l-aħjar servizz possibbli. Hawnhekk wieħed irid japprezza l-għajnuna li qed jagħtu dawn in-nies, li mingħajr l-ebda obbligazzjoni, iżda b'mod volontarju qed jagħtu s-servizz tagħhom lil dawn it-tfal b'tant sagrifiċċju u dedikazzjoni.

**Fi ftit snin, iċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa mhux biss irnexxielu jrawwem imħabba għall-isport fost it-tfal u żgħażagħ, iżda ħoloq opportunità unika għalihom li jitilgħu f'ambjent b'saħħtu, nadif u ta' ġid għall-iżvilupp tal-personalità tagħhom. Iċ-Ċentru mela vojt li kien ilu jinħass sew fl-istruttura ta' l-isport f'pajjiżna fejn jidħlu tfal u żgħażagħ.**

# Oġġetti ta' l-Ikel Mediċinali u Ilma tax-Xorb

Id-Dipartiment tas-Saħħa jiġbed l-attenzjoni tal-fabbrikanti u produtturi ta' l-ikel għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' 1972 dwar oġġetti ta' l-ikel mediċinali u ilma tax-xorb dwar tikketta li għandu jkun hemm fuq il-pakketti jew 'containers' ta' ikel maħdum, imħallat, prodott, miżjud jew xort'oħra proċessat lokalment.

Dan l-ikel għandu jkollu tikketta li turi:—

1. Il-Marka jew l-Isem Kummerċjali tal-oġġetti ta' l-ikel.
2. L-Isem u l-Indirizz tal-persuna, tad-ditta, kumpanija jew xi għaqda oħra ta' persuni responsabbli għall-ikel konċernat.
3. Dikjarazzjoni koretta tal-kontenut nett f'piż, miżura jew numru.

Din id-dispożizzjoni tapplika għall-ikel kollu in ġenerali. Jeżistu wkoll dispożizzjonijiet apposta għal diversi prodotti ta' l-ikel.

**Id-Dipartiment iwissi wkoll li huwa llegali li xi tikketta tiddeskrivi b'mod falz dawn l-oġġetti ta' l-ikel jew li tkun meqjusa li tqarraq dwar ix-xorta, s-sustanza jew kwalità tagħhom.**

Jittieħdu miżuri skond il-Liġi jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma' jiġux mħarsa.

# Ċentru Sportiv Marsa

**L-isport huwa mod ta' kif l-individwu jista' jieħu pjaċir, jiddeverti u jipparteċipa f'attività f'ambjent nadif u b'saħħtu. Jista' jingħad li kulħadd għandu bżonn jistrieħ u jgħaddi ftit tal-ħin f'attività rikrejattiva bħalma huwa l-isport. Dan għaliex permezz ta' l-isport wieħed iħossu ppreparat aħjar kemm fiżikament kif ukoll mentalment sabiex jilqa' l-problemi tiegħu sew jekk ikunu ta' l-iskola, kemm tal-post tax-xogħol kif ukoll jekk ikunu tad-dar.**

## TAĦRIĠ MINN ETÀ ŻGĦIRA

Matul dawn l-aħħar snin f'diversi pajjiżi ġew introdotti skemi u programmi sabiex it-tfal jingħataw taħriġ sa minn età żgħira f'diversi dixxiplini sportivi. Minbarra li qed jingħataw it-taħriġ fl-iskejjel, it-tfal qed jiġu mħajra sabiex jieħdu sehem f'attivitajiet oħra barra mill-ħin ta' l-iskola. Dan huwa ta' vantaġġ kbir kemm għall-individwu kif ukoll għas-soċjetà.

Dawn il-programmi qed jittieħdu bis-serjetà f'dawn id-diversi pajjiżi u mijiet ta' tfal qed jattendu regolari f'xi dixxiplina jew oħra.

## IĊ-ĊENTRU TAL-MARSA

**Anke f'pajjiżna twaqqaf ċentru li qed iservi sabiex it-tfal Maltin, bħal dawk barranin, ikollhom l-opportunità li jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi barra mill-ħin ta' l-iskola.**

**Iċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa qed jaqdi l-funzjoni tiegħu permezz ta' taħriġ f' diversi dixxiplini sportivi f'diversi ċentri. Din il-ħidma hija konformi mal-politika tal-Gvern Soċjalista li kulħadd għandu jingħata l-opportunità li jipparteċipa fl-isport. Il-bibien taċ-Ċentru Sportiv jinsabu miftuħin għal dawk it-tfal kollha li jixtiequ jitgħallmu xi tip ta' sport u fl-istess ħin jgħaddu il-ħin liberu tagħhom f'ambjent soċjali u divertenti.**

L-iskop ewlieni taċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa huwa li t-tfal u żgħażagħ permezz ta' dan il-programm ta' taħriġ, ikollhom preparazzjoni fiżika ġenerali tajba li sservihom ta' bażi għal taħriġ aktar speċjalizzat fid-dixxiplina li jkunu għażlu.

Lit-tfal qed jingħatalhom iċ-ċans li jiżviluppaw il-personalità tagħhom permezz ta' taħlit ma' tfal oħra bħalhom f'ambjent inqas formali u aktar soċjali minn dak ta' l-iskola. It-tagħlim ta' diversi dixxiplini sportivi qed jiggarantixxi li l-isport f'pajjiżna jkompli jikber u dawn it-tfal qed ikunu mħarrġin biżżejjed biex meta jikbru jieħdu posthom f'attivitajiet prinċipali.

**Iċ-Ċentru Sportiv f'dawn l-aħħar snin irnexxielu jneħħi l-ideja li fl-isport jistgħu jipparteċipaw biss dawk li huma diġà tajba. Dan għamlu billi fetaħ il-bibien tiegħu għal iżjed tfal u b'hekk ħoloq opportunità l-istess għal kulħadd.**

Qed isir taħriġ f'numru ta' dixxiplini sportivi li huma stabbiliti u f'oħrajn li tista' tgħid li ġew introdotti permezz taċ-Ċentru Sportiv.

**Sa minn età żgħira it-tfal jingħataw taħriġ f'diversi dixxiplini sportivi.**



# IL-ĠLIEDA GĦALL-ĦELSIEN



Dom Mintoff sostna li l-għan fundamentali tal-partit tiegħu kien li Malta tikseb l-indipendenza sħiħa mill-Ingilterra. Dan kellu jitwettaq billi l-Ingliżi jagħtu lil Malta kostituzzjoni 'interim' li tibqa' fis-seħħ sa Jannar ta' l-1962 meta Malta kellha tingħata l-Indipendenza. Il-Gvern Malti kellu jingħata s-setgħa jinnegozja ma' min irid hu trattat ta' difiża u jkun is-sid fil-ħwejjeġ interni u esterni ta' pajjiżu. Is-Segretarju tal-Kolonji ma laqax il-proposti ta' Mintoff. Barra minn hekk, quddiem il-Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista ta' l-1959 Mintoff heddded li jekk ikun fil-Gvern kien se jkeċċi lil Bailey, li l-Ingliżi kienu ġabu biex imexxi t-tarzna ħalli jaħslu jdejhom, bla ma jagħti sold kumpens kemm-il darba ma tingħatax assigurazzjoni li ħadd mill-ħaddiema ma jitlef ħobżu. Mintoff qal ukoll li l-pjan ta' Malta kien dak ta' indipendenza u newtralità li kellha tkun garantita mill-Ġnus Magħquda. Il-mexxej tal-Partit tal-Haddiema żied li Malta kellha tkun il-ħolqa bejn l-Ewropa u d-Dinja Għarbija fil-qasam kummerċjali u dak industrijali.

Filwaqt li l-mexxejja Maltin kienu qed ifasslu l-pjanijiet tagħhom, l-awtoritajiet Ingliżi f'Londra kienu qed jaħdmu fuq kostituzzjoni li permezz tagħha jkunu jistgħu jżommu lil Malta fil-qagħda ta' kolonja bil-funzjoni ta' fortizza. Il-Kostituzzjoni li ħasbu l-Ingliżi kellha tpoġġi lill-Gvernatur f'qagħda ta' ħakem filwaqt li jkun imdawwar minn numru ta' kunsillieri li jagħtuh il-pariri. Għalkemm l-Ingliżi ħabbru li l-Kostituzzjoni l-ġdida se tkun ibbażata fuq il-prinċipju tas-**Self-Government** ma riedu bl-ebda mod iħallu li ssir kampanja elettorali ħielsa, tant li ebda partit politiku ma seta' jagħmel meeting pubbliku. Din kienet wegħda ta' kostituzzjoni li sabet l-oppożizzjoni tal-partiti politiċi kollha Maltin, bl-eċċezzjoni tal-Partit Kostituzzjonali Progressiv ta' Mabel Strickland li kien lest jikkopera mas-Segretarju ta' l-Istat basta li din il-kostituzzjoni kellha tkun għal perjodu tranżitorju.

**HAKMA DIRETTA**

Fi Frar ta' l-1959, kemm il-**House of Lords** kif ukoll il-**House of Commons** approvaw abbozz ta' liġi li permezz tiegħu l-Kuruna ngħatat id-dritt tirrevoka l-Att dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta ta' l-1947. L-għada, il-Partit Laburista iddikjara 'Jum ta' Luttu Nazzjonali' bħala protesta kontra l-Gvern Ingliż talli kien biddel il-Parlament Malti f'kumitat ta' disgħa min-nies li kienu ttradew lil pajjiżhom. Il-Maltin kollha ġew imħeġġa joqogħdu d-dar u ma jidħlux fil-briju tl-karnival, festa li fiha kienu se jattendu uffiċjali Ingliżi. Fil-'Jum ta' Luttu' iċ-ċinematografi u l-ħwienet tal-Belt baqgħu magħluqin filwaqt li ħafna ġenituri ma bagħtux 'l uliedhom l-iskola. Ingħatat ukoll direttiva biex il-Maltin jiġbdu flushom mill-Bank tal-Gvern. Borg Olivier ħalla lill-partitarji tiegħu liberi jekk josservawx il-'Jum ta' Luttu' jew le. Huwa qal li jekk il-Gvernatur kien lest jiggarantixxi lil Malta d-**Dominion Status,** il-partit tiegħu kien lest jikkopera mal-Gvernatur. Il-Partit Demokratiku Nazzjonalista mmexxi mill-Avukat Herbert Ganado, u li kien twaqqaf wara qasma fil-Partit Nazzjonalista, ma ikkommettiex ruħu u ħalla t-triq miftuħa għal rikonċiljazzjoni ma' l-Ingliżi.

Waqt li dan id-dibattitu kien sejjer, inħatret Kummissjoni Kostituzzjonali taħt it-tmexxija ta' Sir Hilary Blood (Lulju 1960). Il-Kummissjoni ngħatat istruzzjonijiet biex tistudja u tipproponi kostituzzjoni ġdida li filwaqt li tagħti lil Malta s-**Self Government,** tħalli d-difiża u r-relazzjonijiet ta' Malta ma' pajjiżi barranin f'idejn il-Gvern Ingliż. Is-Servizz Pubbliku, il-Korp tal-Pulizija kif ukoll it-tħaris tad-Drittijiet tal-Bniedem kienu oqsma li wkoll kellhom ikunu taħt il-kontroll tal-Gvern Ingliż. Il-Kummissjoni ssuġġeriet li minflok ir-**Reserved Matters** kellu jkun hemm sistema li permezz tagħha, oqsma importanti kellhom jitmexxew mill-Ingliżi u l-Maltin flimkien. Il-Gvernatur kellu jkun il-Kap ta' l-Istat jirrappreżenta lir-Reġina filwaqt li l-Parlament Malti kellu jkun b'kamra waħda u elett mill-Maltin kollha mill-21 sena 'l fuq b'sistema ta' **proportional representation.**

Il-Partit Nazzjonalista qal li l-Maltin, li kienu ċivilizzati qabel l-Ingliżi, ma setgħu qatt jaċċettaw Kostituzzjoni mposta minn tliet stranjieri.

Il-Partit tal-Haddiema qal li l-Kostituzzjoni kellha tinħadem taħt il-ħarsien tal-Ġnus Magħquda u l-Gvern li jitla' jfassal Kostituzzjoni hu. B'hekk ikun hemm Kostituzzjoni mill-Maltin għall-Maltin.

Kuntrarju għal dak li qalu l-Partit tal-Haddiema u l-Partit Nazzjonalista, il-Partit Stricklandjan u l-Partit ta' Ganado aċċettaw il-ħatra tal-Kummissjoni, għax

qalu li permezz tas-suġġerimenti li jsiru, Malta terġa' taqbad it-triq tas-**Self-Government**.

## POPLU MAQSUM

F'din il-fażi ta' l-istorja politika ta' Malta, jiġifieri fis-snin bikrin tas-sittinijiet, bdew iseħħu episodji li mhux biss ħawdu u qasmu lill-poplu Malti imma rifsu fuq kull prinċipju ta' drittijiet umani. Barra minn hekk sar taħwid sħiħ fuq ir-relazzjonijiet li għandhom jeżistu bejn Knisja u Stat. F'dawn is-snin il-Knisja Kattolika f'Malta kienet qed tara lil Mintoff u l-Partit tiegħu bħala radikali żżejjed. Taħt l-'Umbrella' ingħaqdet 'Ġunta Djoċesana' mill-partiti l-oħra kollha biex jirbħu l-elezzjoni u "jeħilsu lil Malta mill-għadu tar-reliġjon". L-għadd tal-partiti kiber. Toni Pellegrini telaq il-Partit Laburista u għaqqad il-**Partit tal-Haddiema Nsara** filwaqt li George Ransley ħareġ bil-**Partit Demokratiku Kristjan.** Dawn, flimkien mal-**Partit Demokratiku Nazzjonalista,** il-**Partit Nazzjonalista** u l-**Partit Kostituzzjonali Progressiv,** iddikjaraw irwieħhom għaqda favur dak kollu li tgħid il-Knisja u kontra Mintoff. L-għanijiet politiċi ta' dawn il-partiti kienu jvarjaw.

L-akbar partit minnhom, il-Partit Nazzjonalista, baqa' jsostni l-ideja ta' **Dominion Status;** il-Partit Kostituzzjonali Progressiv ried koperazzjoni ma' l-Ingilterra; il-Partit tal-Haddiema Nsara kien anqas ċar u ried ċertu ammont ta' ħelsien politiku imma dan kellu jsir b'pass rieqed; il-Partit ta' George Ransley ried għaqda ma' l-Ingilterra b'Parlament Malti b'setgħat ta' **Self-Government.** L-uniku element li kien igħaqqad lil dawn il-partiti kienu l-ittri pastorali fejn l-Arċisqof Gonzi kien ifakkar lill-poplu illi min ma kienx fuq in-naħa ta' l-Isqof ma kienx mal-Knisja u dawk li ma kinux mal-Knisja ma kinux Insara.

## ĠLIEDA POLITICO-RELIĠJUŻA

Issa barra t-taqbida kontra l-Ingliżi kien hemm gwerra bejn il-Partit Laburista u l-Knisja. Barra t-talb u s-sigħat ta' l-adorazzjoni, ħarġet Pastorali fis-6 ta' Marzu ta' l-1960 fejn l-Arċisqof spjega kif bniedem ma setax ikun Soċjalist u fl-istess ħin ikun Nisrani. Din il-Pastorali ġiet ikkritikata mil-Labour League of Youth fl-organu 'The Struggle'. Wara li l-Editur tal-gazzetta, Lorry Sant, naqas milli jippubblika apoloġija, il-Knisja imponietlu l-interdett, u wissiet li min jaqra l-ġurnal ikun qed jagħmel dnub mejjet.

Min-naħa tiegħu, il-mexxej tal-Partit Laburista, f'diskors li għamel fl-Ewwel ta' Mejju ta' l-1960, wissa lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex jibqgħu newtrali fil-politika u ma jeħduhiex kontra l-ħaddiema. Sadanittant il-Partit tal-Haddiema affilja ruħu ma' l-A.A.P.S.O., għaqda li l-Knisja allegat li kienet komunista. F'Jannar ta' l-1961, il-kurja reġgħet ħarġet pastorali fejn ikkundannat lill-Partit tal-Haddiema talli kien qiegħed lill-ħaddiem Malti fi grupp komunista. Intqal ukoll fi kliem meqjus li l-Partit tal-Haddiema kien qed jiġi nfettat mir-Russi. Kull min kien igħid kontra din il-pastorali ikun qed jagħmel dnub mejjet u l-assuluzzjoni għal dawn il-midinbin kienet riżervata f'idejn l-Arċisqof. Il-kotra ġiet imħeġġa tinġema' fuq il-fosos il-Hadd ta' wara biex tkun ta' xhieda li Malta ma kinitx tibża' mit-theddida komunista u kienet lesta turi lid-dinja li l-fidi kattolika għadha sħiħa bħal qabel. F'dan il-jum, il-5 ta' Marzu, 1961, il-knejjes ingħalqu f'nofs in-nhar, il-qniepen bdew idoqqu nota wara l-oħra, it-tiġrijiet taż-żwiemel u l-logħob tal-football ġew sospiżi għal aktar tard. Imħallef irtirat, quddiem folla kbira, ipprepara riżoluzzjoni li kienet tikkundanna lil Mintoff tad-deni li kien għamel lir-reliġjon.

F'Marzu 1961, il-Partit tal-Haddiema ħareġ 'Statement of Policy' fejn fost ħwejjeġ oħra ddikjara t-twemmin nisrani tiegħu filwaqt li kkundanna l-atteġġjament ta' l-Arċisqof Gonzi li kien qed jiffavorixxi l-politika Ingliża għas-spejjeż ta' l-interessi tal-Poplu Malti. L-Arċisqof avża lill-Eżekuttiv tal-Partit li jekk ma jirtirax dik l-istqarrija jingħata l-interdett. Fil-fatt l-interdett ingħata fit-8 ta' April, qabel ma kellha ċans tiltaqa' l-Konferenza Ġenerali tal-Partit li kellha tiddeċiedi jekk tikkonfermax jew tirtira l-istqarrija. Skond il-liġi kanonika l-interdettjati ma jistgħux jieħdu sehem fil-Knisja ta' Kristu u ma jkunux jistgħu jirċievu s-sagramenti. Xi Laburisti li riedu jiżżewġu f'dan iż-żmien kellhom jiżżewġu fis-sagristija. Laburisti interdettjati li mietu, indifnu f'art mhux ikkonsagrata magħrufa bħala l-**miżbla.**

Kull min kien jaqra l-ġurnali tal-Partit tal-Haddiema kien ukoll jagħmel dnub mejjet. Fil-21 ta' Mejju ta' l-1961, f'meeting f'Għawdex Mintoff u partitarji Laburisti ġew **ibbuwjati** u mħaġġra fost id-daqq tal-qniepen tal-knejjes.

Fl-4 ta' Frar 1962, ftit jiem qabel l-elezzjoni, l-Arċisqof wissa lill-Maltin biex iżommu għajnejhom miftuħa u bil-vot tagħhom jiddefendu r-reliġjon kontra prinċipji anti-kattoliċi u soċjalisti.

## IL-KOSTITUZZJONI TA' L-1961

Waħda mill-effetti serji tal-kwistjoni politiko-reliġjuża kienet li aljenat għal waqt il-politikanti Maltin mill-kostituzzjoni li ngħatat wara l-miġja tal-Kummissjoni Rjali. Din il-kostituzzjoni, li kienet ibbażata essenzjalment fuq il-kostituzzjoni li kienet ingħatat lil Singapore fl-1958, eliminat is-sistema ta' dijarkija imma ħolqot makkinarju li filwaqt li għadda ħafna mill-poter f'idejn il-Gvern Malti, żamm ħwejjeġ ta' interess imperjali (difiża, relazzjonijiet internazzjonali, eċċ.) f'idejn l-Ingliżi li permezz ta' "Kummissarju" residenti f'Malta setgħu jieħdu de-




L-Eżekuttiv tal-Partit tal-Haddiema li fl-1961 ingħata l-interdett.

ċiżjoni finali fuqhom. Għalkemm Malta bdiet tissejjaħ l-Istat ta' Malta, skond ir-regoli tad-dritt pubbliku internazzjonali, kienet għadha kolonja. Malta baqgħet titmexxa mill-Uffiċċju Kolonjali. Filwaqt li l-Parlament Malti seta' jilleġiżla, fuq kollox il-Kuruna setgħet tagħmel liġijiet oħra kuntrarji li jinvalidaw il-liġijiet Maltin. Il-Gvernatur kellu s-saħħa ta' parlament sħiħ u l-aktar 'Ordinanzi' importanti kienu jaqgħu taħt l-umbrella tas-setgħat li kellu. Fost dawn l-Ordinanzi kien hemm l-Ordinanza tal-Pulizija, l-Ordinanza tax-Xandir, l-Ordinanza tal-Emerġenza fid-Dockyard. Barra minn hekk, il-Kostituzzjoni ta' l-1961, daħħlet għall-ewwel darba għadd ta' drittijiet umani li ma kinux jeżistu f'Kostituzzjonijiet ta' qabel. Din it-taqsima tal-Kostituzzjoni hi mibnija fuq l-għamla tal-Kostituzzjoni Niġerjana ta' l-1960.

Ir-riżultat ta' l-elezzjoni fejn kien ġie ddikjarat "dnub mejjet" li tivvota lil-Laburisti spiċċa f'rebħa għall-Partit Nazzjonalista. Wara taħditiet ma' l-Ingliżi, il-Gvern Malti ngħata l-kontroll tal-pulizija; il-ħatra ta' l-Imħallfin ma baqgħetx prerogattiva tal-Gvernatur, filwaqt li l-ħatra ta' karigi għoljin bdiet issir mill-Prim Ministru Malti. Barra minn hekk l-Ingliżi ċedew li ma jkollhomx aċċess għall-Minuti tal-Kabinett imma biss li jkunu nfurmati b'dak li jkun qed jiġri. Dan kien isir billi l-Kummissarju Ingliż jara l-aġenda tal-laqgħat tal-Kabinett.

## FEHMIET DWAR L- INDIPENDENZA

Malta kienet għadha 'l bogħod mill-ħelsien. Wara li sar id-diskors mit-tron, Mintoff ressaq l-ewwel emenda li kienet tgħid li l-Maltin kienu qed jaspiraw għall-indipendenza u l-Gvern Ingliż kien, permezz ta' din ir-riżoluzzjoni, qed jiġi mitlub l-indipendenza għall-gżejjer Maltin. Ir-riżoluzzjoni kienet ukoll qegħda tiġbed l-attenzjoni tal-Ġnus Magħquda fuq il-qagħda dgħajfa ta' l-ekonomija ta' Malta minħabba t-tmexxija ħażina ta' l-Ingliżi. Ir-riżoluzzjoni ta' Mintoff ġiet megħluba b'34 vot kontra u 16 favur.

Il-Prim Ministru George Borg Olivier beda jilmenta li l-Ingliżi ma tawhx l-għajnuna finanzjarja li kienu wiegħdu u li kienu se jkeċċu eluf mill-impjieg tagħhom mas-servizzi. Meta ra li ma setax jilħaq ftehim ma' l-Ingliżi qatagħha li Malta kellha tingħata l-Indipendenza fil-qafas tal-Commonwealth.

Imbagħad Malta kienet tkun tista' tersaq lejn il-pajjiżi tan-NATO biex jagħtuha l-għajnuna li kellha bżonn. B'dawn l-għanijiet Borg Olivier informa lis-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji li Malta kienet trid l-indipendenza. Borg Olivier qal ukoll li Malta kellu jkollha Kostituzzjoni Monarkika, jiġifieri li r-Reġina Ingliża kellha tkun ukoll il-Kap ta' l-Istat ta' Malta Indipendenti.

Mintoff baqa' jsostni li, filwaqt li l-partit tiegħu kien ilu li ħabbar il-pjanijiet għal Malta indipendenti, ma setax jaqbel mat-tifsila ta' indipendenza li ried Borg Olivier. Il-Kap ta' Malta indipendenti kellu jkun president Malti u d-deċiżjoni jekk Malta kellhiex tibqa' marbuta mal-Commonwealth ma kellhiex tkun kundizzjoni biex tinkiseb l-indipendenza, imma dwar dan kellu jiddeċiedi l-poplu Malti hekk kif jieħu rajh f'idejh.

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Kastilja. Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern.